SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha li nzammet nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2013 fit-8:15 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Anthony Formosa

Vici Sindku: Anthony Cassar

Kunsilliera: Michelina Mercieca

John Mercieca

Rose Vella

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

1.0 Il-laqgha bdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Laqgha b'urgenza**

2.1 Il-laqgha ssejjhet b'urgenza fuq talba tal-Vici Sindku Anthony Cassar.

2.2 Il-Vici Sindku seemma li l-iskop li huwa talab li tissejjah laqgha b'urgenza huwa biex jaghmel dikjarazzjoni li huwa ser johrog minn kull decizzjoni li tikkoncerna d-diskussjoni li tqajjmet fil-laqgha tal-bierah dwar l-problema li rrizultat fl-offerta tal-isqaqien f'dawk li huma extra costs kif ukoll dwar dik tal-Pavimentar tat-triq tal-pjazza.

2.3 Is-Segretarja semmiet li hija kienet fid-dmir taghha bhala kap finanzjarju u amministrattiv li tigbed l-attenzjoni tal-Kunsill u aktar qabel tal-kuntrattur biex jitwaqqfu x-xogholijiet immedjatament sakemm jiccaraw l-affarijiet.

2.4 F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghandu jappunta avukat/a biex possibilment tigi/jigi waqt il-laqgha biex niccaraw dawn il-punti ghax jistghu jkunu akkuzi serji. Dak il-hin stess giet appuntata l-avukata Angele Agius u hija laqghet it-talba li tigi waqt il-laqgha tal-Kunsill.

2.5 Mal-wasla taghha fil-laqgha, l-avukata giet spjegata kif inhuma l-affarijiet. Il-Vici Sindku esprima l-koncern tieghu u staqsa xi mistoqsijiet dwar min hu responsabbli minn dawn in-nuqqasijiet. F'dan ir-rigward gie deciz li b'effett immedjat ghandha tinzamm laqgha mal-Perita tal-progett, mal-ufficjali tas-servizzi, kuntrattur u kunsilliera sabiex flimkien niccaraw dan id-dizgwid. Sar qbil li l-laqgha ghandha tinzamm nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2013 fit-3pm.

3.0 Decizzjoni fuq l-applikazzjoni tal-Mizura 125

3.1 Is-Segretarja rreferiet ghad-decizjoni mittiehda fil-laqgha ta' qabel u rrimarkat li fid-dawl ta' dawn il-problemi kollha li qed jinqalghu mill-progetti tal-EU u fid-dawl ta' nuqqas ta' fondi u anke rizorsi tal-Kunsill, ikun aqli li fil-prezent il-Kunsill ma jidholx ghal aktar commitments li jkomplu jiggravawlu s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30am.

Anthony Formosa

Sindku

Lucienne Haber

Segretarju Ezekjuttiv